**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 44 - IT-TLIETA, 12 TA' APRIL 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-7:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Romina Perici Ferrante | Accountant |
| Skużat: | Clifford Galea | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

**1. APOLOĠIJI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillier Clifford Galea kien bagħat *email* jinfurmah li ma kienx se jlaħħaq jiġi minħabba li nqabad xogħol fuq iffilmjar. Il-Kunsill qies ir-raġuni bħala ġustifikata. Kopja tal-email annessa f'A.

**2. APPROVAZZJONI TAL-*FINANCIAL STATEMENTS* VERIFIKATI**

2.1. Il-Kunsill stieden lill-*Accountant* biex tispjega l-aġġustamenti li saru wara l-verifika.

2.2. Ms Perici Ferrante spjegat li wara l-verifika mill-Awdituri kienu mitluba li jsiru xi aġġustamenti li però ma ħallew l-ebda impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni finanzjarja għaliex il-Kunsill xorta baqa' b'bilanċ.

2.3. Wara konsiderazzjoni l-*financial statements* kienu approvati *nem con* u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

**3. IMPJIEG TA' SKRIVAN/A MAL-KUNSILL**

3.1. Is-SE informa li, wara r-rapport tal-Bord tal-Għażla u d-deċiżjoni tal-Kunsill, kien bagħat għall-persuni li kkwalifikaw fl-ewwel u t-tieni post. L-ewwel waħda kkonfermat li tista' tibda filwaqt li t-tieni infurmat li laħqet sabet xogħol ieħor. Kien għalhekk li bagħat għat-tielet persuna li però wkoll kien laħaq sab xogħol. Dan kollu huwa kkonfermat permezz ta' emails mingħand l-individwi kkonċernati.

3.2. Meta ġie biex jgħajjat il-persuna li jmiss sab li kellha marka inqas mis-70% tal-marki kif kien stabilixxa l-Bord u għalhekk ried il-konferma tal-Kunsill dwar kif se jipproċedi.

3.3. Il-Kunsill unanimament qabel li jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u għalhekk m'għandux jaċċetta mill-kumplament tal-lista filwaqt li għandha tintalab lista ġdida ta' applikanti prospettivi mill-ETC.

**4. AZZJONI DWAR IT-TLIET SIĠRIET ALLEGATAMENT VANDALIZZATI FIT-TERMINUS**

4.1. Il-Kunsill iddiskuta l-proposta/stima biex jiġi stabbilit ir-raġuni għall-ħsara li saret lit-tliet siġriet tat-terminus li allegatament ġew vandalizzati.

4.2. Filwaqt li l-Kunsill kollu rringrazzja lill-Kunsillier Brincat tal-ħidma tiegħu biex sab persuna professjonali u kkordina miegħu fuq dan is-suġġett, il-Kunsill dehrlu li l-proposta biex isiru t-testijiet meħtieġa xorta waħda mhux se jwasslu għar-rimedju meħtieġ biex ikunu salvati s-siġar iżda biss biex ikun determinat jekk ġew ivvalenati jew le. Dan apparti l-fatt li l-ispejjeż biex isiru tali testijiet huma għojin wisq minħabba li ma jistgħux isiru Malta.

4.3. Dak il-ħin sar kuntatt mal-konsulent li għadda l-proposta, is-Sur Saviour Vella, fejn dan offra li jagħti r-rakkomandazzjonijiet tiegħu f'forma ta' konsulenza biex jindika x'għandu jsir biex possibilment ikunu salvati s-siġar. Is-Sur Vella offra dan is-servizz għall-prezz ta' €236. Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa' din l-offerta.

**5. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA**

5.1. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-8:15pm.

| | |
|---|---|
| **Maria F. Deguara** *MD,MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**A**



Gmail by Google

Paul Gatt < >

## Laqgha b'urgenza - Laqgha numru 44

\> 26 April 2012 16:41

Reply-To:

To: Paul Gatt < >

Hi Paul,

Nispera li nlahhaq nasal! Jien qed filming bhalissa ma' kumpannija Taljana u ma nistax nitlaq qabel inlestu! Nahseb tifhmu li dan huwa xoghol u ma nistax naghmel li rrid! Nispera li narakom! Qed nibghatlek din l-e-mail biex twassalha lil shabi waqt il-laqgha f'kaz li ma nlahhaqx!

Grazzi hafna u tislijiet,
Clifford
Let your email find you with BlackBerry® from Vodafone

---

**From:** Paul Gatt >
**Date:** Thu, 26 Apr 2012 16:37:28 +0200
**To:**

**Subject:** Re: Laqgha b'urgenza - Laqgha numru 44

[Quoted text hidden]